

Brussell, 22 ta' Lulju 2015
(OR. en)

11130/15

ASIM 62
RELEX 633

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	10830/2/15 REV 2 ASIM 52 RELEX 592
Nru dok. Cion:	9376/15 ASIM 31 RELEX 438 COMIX 250 + ADD 1
Suġġett:	Konklużjonijiet tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar ir-risistemazzjoni, permezz ta' skemi multilaterali u nazzjonali, ta' 20 000 persuna fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż dokument dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq kif miftiehem mill-Kunsill ĠAI fl-20 ta' Lulju 2015.

**Konklużjonijiet tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill
dwar ir-risistemazzjoni, permezz ta' skemi multilaterali u nazzjonali, ta' 20 000 persuna fi
bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali**

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI,
WARA LI KKUNSIDRAW:

- id-dikjarazzjoni adottata mill-Kunsill Ewropew, fit-23 ta' April 2015, dwar qbil biex jinħoloq l-ewwel proġett pilota volontarju dwar ir-risistemazzjoni fl-UE, li joffri postijiet lil persuni li jikkwalifikaw għall-protezzjoni¹;
- il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew, fil-25 u fis-26 ta' Ġunju 2015, li, fid-dawl tas-sitwazzjoni ta' emerġenza attwali u l-impenn tal-UE biex issaħħaħ is-solidarjetà u r-responsabbiltà, innota l-ftehim tal-Istati Membri kollha li jipparteċipaw, inkluż permezz ta' skemi multilaterali u nazzjonali, fir-risistemazzjoni ta' 20 000 persuna spostata fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali, li tirrifletti s-sitwazzjonijiet speċifiċi tal-Istati Membri²;
- il-konklużjonijiet ("*Tittieħed azzjoni biex jiġu ġestiti aħjar il-flussi migratorji*"), adottati fil-laqgħa tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Barranin tal-10 ta' Ottubru 2014, li jirrikonoxxu li l-Istati Membri kollha għandhom jipproponu għadd kredibbli ta' postijiet għar-risistemazzjoni, fuq bażi volontarja, b'mod ġust u bilanċjat, filwaqt li jqisu l-isforzi mwettqa mill-Istati Membri affettwati mill-flussi migratorji³;

¹ Dok. EUCO 18/15

² Dok. EUCO 22/15

³ Dok. 14141/14

- Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, ippreżentata fit-13 ta' Mejju 2015, li, fost l-oħrajn, tiddefinixxi sett ta' miżuri immedjati mfassla biex jirrispondu għat-traġedja umana fil-Mediterran kollu, u li jappellaw lill-Unjoni Ewropea b'mod partikolari biex iżżid l-isforzi tagħha ta' risistemazzjoni⁴.

JINNOTAW ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri, tat-8 ta' Ġunju 2015, dwar skema ta' risistemazzjoni Ewropea għar-risistemazzjoni ta' 20 000 persuna fi bżonn ta' protezzjoni internazzjonali fuq perijodu ta' sentejn⁵,

JINNOTAW id-disponibbiltà tal-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera biex jieħdu sehem f'dan l-isforz ta' risistemazzjoni permezz ta' skemi multilaterali u nazzjonali,

JILQGĦU l-proposta tal-Kummissjoni li żżid b'EUR 50 miljun fis-snin 2015 u 2016 l-ammonti disponibbli skont il-Programm ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni, stabbilit bl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,

JILQGĦU l-adozzjoni tal-baġit emendatorju Nru 5/2015 tal-UE għas-sena finanzjarja 2015 "reazzjoni għall-pressjonijiet migratorji" li jipprevedi ammont addizzjonali ta' EUR 25 miljun għall-2015 taħt ir-Regolament għall-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni⁶ biex jimplimentaw il-Programm Ewropew ta' Risistemazzjoni,

JIRRIKONOXXU li l-Istati Membri huma intitolati jirċievu allokkazzjoni finanzjarja bi proporzjon għan-numru ta' persuni risistemati fit-territorju tagħhom f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 516/2014;

JIRRIKONOXXU l-importanza li jappoġġaw ir-rwol li għandu jkollu l-EASO fl-implimentazzjoni ta' din l-iskema,

⁴ Dok. 8961/15 COR 1

⁵ Dok. 9376/15 ADD 1

⁶ Regolament (UE) Nru 516/2014, tas-16 ta' April 2014, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE u Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE, ĠU L 150, 20.05.14.

JIRRIKONOXXU r-rwol ewlieni tal-UNHCR u l-kontributi sostanzjali mill-IOM fil-proċess ta' risistemazzjoni,

JAQBLU:

- li jiġu risistemati, kif jinsab fl-Anness, persuni fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali, permezz ta' skemi multilaterali u nazzjonali, li jirriflettu s-sitwazzjonijiet speċifiċi tal-Istati Membri fuq talba tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, minn pajjiż terz għal Stat Membru u bi ftehim ma' dan tal-aħħar, bil-għan li jiġu protetti kontra r-refoulement u jiġu ammessi u jingħataw id-dritt li jibqgħu u xi drittijiet oħra paragonabbli għal dawk mogħtija lil benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jew fil-każ ta' Stat Membru li mhuwiex marbut la bid-Direttiva 2011/95⁷ u lanqas bid-Direttiva 2004/82⁸, f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Rifuġjati;
- li jieħdu kont tar-regġuni ta' prijorità għar-risistemazzjoni inklużi l-Afrika ta' Fuq, il-Lvant Nofsani u l-Qarn tal-Afrika, filwaqt li jiffokaw b'mod partikolari fuq il-pajjiżi fejn qed jiġu implimentati l-Programmi Reġjonali għall-Iżvilupp u l-Protezzjoni;
- li jeħtieġ li jittieħdu miżuri effettivi biex jiġu evitati movimenti sekondarji ta' persuni risistemati, f'konformità mal-acquis tal-UE.

JILQGĦU d-disponibbiltà tal-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera biex jieħdu sehem f'dan l-isforz ta' risistemazzjoni permezz ta' skemi multilaterali u nazzjonali, kif jidher fl-Anness.

JINNOTAW li numru ta' Stati għamlu dikjarazzjonijiet, li ser jiddaħħlu fil-minuti tal-Kunsill.

⁷ Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Diċembru 2011, dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9.

⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-istandards minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, ĠU L 304, 30.09.2004, p. 12.

ANNESS għall-ANNESS

Awstrija	1900
Belġju	1100
Bulgarija	50
Kroazja	150
Ċipru	69
Repubblika Ċeka	400
Danimarka	1000
Estonja	20
Finlandja	293
Franza	2375
Ġermanja	1600
Greċja	354
Ungerija	0
Irlanda	520
Italja	1989
Latvja	50
Litwanja	70
Lussemburgu	30
Malta	14
Netherlands	1000
Polonja	900

Portugall	191
Rumanija	80
Slovakkja	100
Slovenja	20
Spanja	1449
Żvezja	491
Renju Unit	2200

Norveġja	3500
Iżlanda	50
Liechtenstein	20
Żvizzera	519

Ittieħdet nota li għadd ta' Stati għamlu dikjarazzjonijiet, dwar il-modalitajiet tal-parteciġazzjoni tagħhom, li ser jiddaħħlu fil-minuti tal-Kunsill.
